MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1648/2001/1

**Tania mart Abdelmounaim Jabal f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minorenni "Kelly"**

**vs**

**Dr Mark Busuttil u l-PL Victor Bugeja li b'digriet tat-12 ta' Dicembru 2001 gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrappresentaw lill-assenti Abdelmounaim Jabal u id-Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici hija mizzewga lill-assenti Abdelmounaim Jabal.

Illi wara li l-attrici u l-assenti zewgha kkontrattaw iz-zwieg, ir-ragel tal-attrici allegatament ikkommetta reat f'Malta u fil-mori tal-proceduri kriminali li gew istitwiti kontra tieghu, huwa abskonda minn Malta u qatt ma rritorna fil-gurisdizzjoni Maltija.

Illi r-ragel tal-esponenti issa ilu nieqes minn Malta ghal cirka disa' snin u fil-fatt hija istitwiet procedura ta' nullita' ta' zwieg quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta.

Illi fis-27 ta' Dicembru, 1998 l-esponenti kellha tarbija minn relazzioni extra-konjugali liema tarbija kienet tifla u giet imsemmija Kelly.

Illi l-attrici ma tafx min huwa missier it-tarbija ghalkemm certament li zewgha m'huwiex missier din it-tarbija billi kif intqal, ilu nieqes minn Malta u *di fatti* anke qabel il-bidu tal-gravidanza huwa kien diga' ilu assenti ghal numru ta' snin.

Illi meta l-attrici, li baqghet ma sseparatx "*de jure*", marret biex tirregistra t-twelid ta' bintha giet informata li fic-cirkostanzi tal-kaz kellu jigi indikat l-assenti zewgha bhala missier it-tarbija, kif jirrizulta mill-unit Att tat-Twelid tat-tarbija esebit bhala Dok. A

Illi in vista tal-fatt li r-ragel tal-attrici m'huwiex missier it-tarbija msemmija, hija tixtieq li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid ta' bintha biex l-isem ta' zewgha jigi soppress u minflok biex jigi dikjarat li t-tarblia hija l-wild ta' missier mhux maghruf,

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-istess konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-ragel tal-attrici, l-assenti Abdelmounaim Jabal, m'huwiex il-missier naturali tal-imsemmija tarbija u li l-istess tarbija hija l-wild ta' missier mhux maghruf.

2. Tordna li jsiru l-annotazzionijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tarbija li jgib in-numru progressiv ta' 64 tal-1999 billi fil-kolonna intestata "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier", l-isem tar-ragel tal-attrici, "Abdelmounaim Jabal", u l-post tat-twelid tieghu u cioe` "Casablanca, Morocco" jigu sopressi u kkancellati u minflok tigi inserita dikjarazzjoni fis-sens li l-imsemmija tarbija hija l-wild ta' missier mhux maghruf.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti tat-12 ta’ Dicembru 2001 fejn Dr Mark Busuttil u l-PL Victor Bugeja gew appuntati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenut (fol 8 sa 15).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur Registru Pubbliku a fol 21 fejn gie eccepit:

1. Illi dwar il-mertu f’dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghandu jsir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

3. Illi inoltre u bla pregudizzju, f’kaz li jintlaqghu it-talbiet attrici, ghandhom jigu kancellati d-dettalji kollha personali l-ohra riferibbli ghall-konvenut Jabal oltre l-fatt li ghandhom jigu kancellati wkoll il-kliem "*the said*" mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet tal-omm;

4. Illi wkoll bla pregudizzju, il-bidla li qed tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jikkoncerna minuri u li jekk kemm il-darba tintlaqa' zgur li ser tinfluwixxi fuq il--hajja futura tal-istess minuri, ghalhekk jinhtieg li

kwalunkwe prova li tingieb tkun konvincenti w ammisibbli skond il-ligi;

5. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid huma ghal kollox estranei ghall-esponent huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 22 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati tal-14 ta’ Marzu 2002 (a fol 24) fejn gie eccepit:

1. Li huma m’humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar ‘il quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 25 tal-process;

Rat il-verbali tat-22 ta’ Marzu 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet ta’ 40 jum kull wiehed u l-kawza giet differita biex issir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u konkluzjoni tal-provi tal-partijiet ghas-6 ta’ Gunju 2002.

Rat l-affidavits prezentati mill-attrici fit-12 ta’ April 2002 (fol 31 sa 34.

Rat il-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 t’April 2002.

Rat il-verbal tas-seduti tas-6 ta’ Gunju 2002 fejn xehed Eric Cachia u l-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia biex jisma l-provi u tas-27 ta’ Gunju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr K Gulia u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-verbal tat-8 ta’ Jannar 2002 fejn Dr Mark Busuttil bhala Kuratur Deputat informa lill-Qorti li ma setghax jikkomunika mal-assenti konvenut u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Mejju 2003.

Rat ir-rikorsi tas-17 t'Ottubru 2002 u 22 ta' Lulju 2002 u in kwantu l-istess jirreferu sabiex din il-kawza tigi rikjamata, tichad it-talba anke minhabba d-dekors ta' zmien u wkoll peress li l-attrici naqset li tohrog in-notifiki relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>(i) PROVI:</u>

Illi fl-affidavit taghha l-attrici **Tania Jabal** qalet:

*"Jiena sirt naf lil zewgi f'Settembru tan-1991. Kont tqila minnu qabel iz-zwieg u ghalhekk kellna nizzewgu bil-fors fil-15 ta' Jannar 1991. Wara z-zwieg ried isiefer biex imur jara lill-familja tieghu u hekk ghamel u fil-fatt dam imsiefer 8 xhur. Minhabba f'hekk waqt it-tqala, li kienet l-ewwel wahda, kont wahdi u t-tarbija wellidtha wahdi. Kien gie lura Malta fit-23 ta' Ottubru 1992. Malli gie lura beda l-inkwiet fis-sens li beda jittrattani hazin hafna billi jsawwatni sikwit - kien anke tani swat kbir. Kien izommni mcahhda mill-flus. Kien qabad kumpanija hazina, maghrufa hafna fin-nahat fejn noqghod u beda igib hbieb Gharab id-dar u kien jippretendi li nsajjrilhom u jekk nirrifjuta kien isawwatni. Gieli anke raqqad xi hbieb tieghu id-dar kontra l-volonta tieghi. F'okkazzjoni kien raqqad sitta minn nies. F'okkazzjoni ohra kien gab mara mieghu u qal li kienet ohtu u wara sirt naf li ma kienitx ohtu verament. Kont sirt naf mill-hbieb li kien harrabha lejn l-Italja. Aktar tard zewgi kien involut fi glieda u kien ta' daqqa ta' tazza lil wiehed Sirjan. Meta kien barra l-habs bi plegg - kien ilu gimgha bi plegg fuq l-ewwel kaz - kien akkuzat b' hold-up ma persuni ohra u wara li rega' hareg bi plegg, dam disa' xhur Malta u wara li harab minn Malta, ezattament fis-6 ta' Awissu 1993 huwa qatt ma rega' gie lura Malta. Fil-fatt kont sirt naf li wara li harab minn Malta mar l-Italja fejn kien imdahhal f'serqa u traffikar ta' droga barra akkuzi ohra, li naf li ghadu l-habs sallum fl-Italja.*

*B'dan kollu gejt infurmata b'dan mill-ufficjal tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta.*

*Fi Frar tan-1998 kont iltqajt ma Algerin u dan hadni niehu drink. Kont xrobt izzejjed u kelli x'naqsam mieghu. Naf Ii wara kien siefer u qatt ma rajtu izjed. Xi zmien wara sirt naf Ii kont hrigt tqila minnu. Billi kien l-uniku ragel Ii kelli x'naqsam mieghu sesswalment, mindu zewgi kien harab minn Malta, m'hemmx dubbju li dan l-Algerin kien il--missier naturali tat-tarbija. Sallum ma nafx x'jismu ezatt ghax ma kellix zmien li nsir nafu sew."*

Illi fl-affidavit taghha x-xhud **Natasha Zammit** qalet:

*"Jiena niftakar ir-ragel ta' Tania Jabal kien jismu Abdul. Niftakar Ii kien abbandunha Iil Tania u Ii huwa kien siefer u qatt ma rega' lura. Naf illi minn meta Abdul abbandunha Iil Tania hija qatt ma kienet tqila. B'danakollu naf illi xi tlett snin ilu Tania kienet harget tqila u naf ukoll li kellha x'taqsam ma Algerin u Ii kient harget tqila minnu. Jiena ma naf xejn dwar dan l-Algerin u cioe' ma nafux.*

*Wara li Tania harget tqila kienet qaltli li t-tarbija kienet tal-Algerin. Kienet qaltli li dan l-Algerin kien telaq minn Malta u li fil-fatt sallum ma tafx id-dettalji dwaru."*

Illi fl-affidavit taghha **Maria Tonia Agius** qalet**:**

*"Jiena ili naf lil Tania Jabal, li kunjom ta' xebba huwa Barrows mindu kellha 9 snin billi noqghodu vicin ta' xulxin. Niftakar Ii meta zzewwget Jabal kienet diga' tqila minn certu Abdul u wara kont sirt naf min hu. Naf ukoll li kienet izzewwgitu meta kienet ghadha tqila. Ftit wara li zzewwgu Abdul kien telaq minn Malta u rega' gie lura wara li twieldet l-ewwel tarbija ta' Tania. Niftakar li ghaddew xi xhur qabel Abdul kien gie lura Malta. Niftakar li dakinhar Ii Abdul telaq lil Tania kienet cemplitli mbikkma u qaltli Ii zewgha kien telaq minn Malta. Niftakar li meta rega' gie Malta kien beda isakkarha f'darha filwaqt Ii hu kien imur jigri barra u anke sahansitra kont narah fil-barijiet. Jiena gieli rajtu fis-sakra u fil-fatt kont nghid lil Tania. Jien kont*

*anke narah fil-kumpanija ta' irgiel kemm Gharab u kemm Maltin li kienu joqghodu l-Isla u li huma maghrufa bhala nies ta' qattghani jew imdahla fil-kriminalita` u kont ngharraf Iil Tania b'dan. Niftakar li f'diversi okkazzjonijiet Abdul kien issawwat Iil martu u dan nafu ghax kienet iccempilli, anke tard bil-lejl u tghidli li zewgha kien sawwatha u jien l-ghada fil-ghodu jew dakinhar stess kont immur inzurha. Kont rajtilha black-eye, tbengil u grif fuq il-persuna taghha.*

*Niftakar illi xi ghaxar snin ilu Tania kienet qaltli li l-pulizija Maltija kienet akkuzat Iil zewgha b'hold-up u niftakar li Abdul kien verament arrestat il-habs ghal xi zmien. Wara kien hareg bi plegg u dan kollu nafu minn Tanya. Xi zmien wara li Abdul kien hareg bi plegg, Tania kienet qaltli li zewgha kien harab minn Malta. Jiena ili ma nara lir-ragel ta' Tania, minn meta qaltli Ii kien harab minn Malta. Inzid nghid li meta harab minn Malta Tanya ma kienetx tqila u naf li regghet harget tqila xi tlett snin ilu. Kienet qaltli li kellha x'taqsam ma Algerin u li dan kien siefer. Inzid nghid li ftit wara Ii Abdul kien harab minn Malta, Tania kienet qaltli li kienet saret taf li kien gie arrestat mill-Pulizija Taljana li fil-fatt kienet qaltli b'kollox. Qaltli li kien imdahhal fit-tmexxija tad-Drogi fl-Italia u li kien wehel il-habs.*

*Tania kienet tinnammra ma hija u ghalhekk kienet dahlet kunfidenza bejn il-familji u wara li hassru il-familji baqghu hbieb hafna u jiena bqajt bi hbiberija kbira maghha w anke konna noqghodu hdejn xulxin u allura kienet tghidli b'kollox fuq hajjitha.*

*Jiena nghid bil-gurament li ili ma nara lil Abdul - ir-ragel ta' Tania ghal qisu 9 snin u sa fejn naf jien matul dan iz-zmien dejjem kien imsiefer.”*

## <u>(ii) Principji Legali</u>

Illi l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li bintha Kelly m’hijiex il-wild naturali tal-konvenut Abdelmounaim Jabal u konsegwentement tordna li fic-certefikat tat-Twelid

taghha, jithassru l-annotazzjonijiet kollha relattivi ghall-konvenut.

Illi jidher car li l-attrici qed tipprevalixxi ruhha mill-**Artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibbilta' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li la darba l-attrici hija omm l-istess tarbija, u dan huwa pacifiku f'din il-kawza, hija ghandha kull interess ghall-istess bintha li jigi indikat l-missier proprju tal-istess tarbija, u dan apparti l-fatt li jidher li l-attrici istitwiet din il-kawza ghan-nom tal-istess minuri, u taht dan l-aspett ma hemm l-ebda dubju li l-istess minuri ghandha interess qawwi li tistabbilixxi l-verita' dwar il-paternita' taghha, u dan dejjem fl-ambitu tar-regoli stabbiliti fil-ligi nostrali, w in partikolari jehtieg li tigi sorvolata d-disposizzjoni tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

*(1) "Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipproteggi l-istat ta' legittimita' tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrizzjoni wkoll tal-hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben jew bint l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. (FGC) 10 ta' Mejju 1996) inghad li:-

*“Dak li jissejjah ir-‘raison d’etre’ ta’ din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … … …”. “Egli ha osservato esistere nell’ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita’ dal talamo a per il rispetto della fedelta’ coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l’ incarnazione della formula solenne ‘pater is est quem justae nuptiae demonstrat’. A questo principio, che non e’ tanto un dettato dell’ antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall’ esperienza di molti secoli, si e’ attentuato il legistatore patrio, e percio’ nell’ articolo 159, che il marito e’ padre del figlio concepito durante il matrimonio”* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76).

Illi in effetti l-**Artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi mal-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:

*“L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu”.*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ittentata mill-minuri hija wahda minn tlett azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita’ ta’ l-ulied u cioe’:

(a) L-azzjoni ta’ diskonoxximent jew ta’ *denegata paternita’* a bazi tal-**Artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa indikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**Subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-presunzjoni *“pater est quae iustiae demonstrat”,* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta’ l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**Artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**Artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta’ iben legittimu u

ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**Artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni nghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952):-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi."*

*"It-Tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibbilta' fizika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibbilta' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (AJM) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibbilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**Artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**Artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata*

*qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibbilta' li jghammar ma'  martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' impunjazzjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess minuri peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**Artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**Artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-i*status* ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittenta skond **l-Artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-Artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d)	Illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA. (RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid **jew** tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**Artikoli 81** mal-**Artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**Artikolu 77** dwar l-impossibbilta' fizika, hija wkoll kondizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**Artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatti fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna indikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, <u>hadd</u> ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**Artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif*

*definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi "**Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. (RCP) deciza fl-1 ta' Marzu 2001 – Cit. Nru: 1841/98/RCP); "**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et**" deciza fil-5 ta' Lulju 2001 - Cit Nru 190/97/RCP, u "**Francis sive Frank Xuereb vs Maria Bonello et"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002 - Cit Nru: 1778/01); **"Francis sive Frank Xuereb vs Maria Bonello et"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002), **"Ahmed Mohammed vs Fatiha Khallouf"** (P.A. (RCP) 26 ta' Gunju 2002); **"Saviour Micallef vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002); **Mary Jacqueline Fenech vs Victor Fenech *et*"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002), u **"Emanuela sive Lilian Diacono vs Massimo Alakkad"** (P.A. (RCP) 2 t' Ottubru 2002).

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attrici kienet mizzewga lil Abdelmounaim Jabal u dan minn Settembru 1991, u dan kien abbanduna lil mara tieghu fis-6 ta' Awissu 1993. Jirrizulta mill-provi fuq riprodotti illi minn dak iz-zmien l'hawn lanqas biss resaq lejn Malta, u ghalhekk tenut kont tal-premess u l-fatt li l-minuri Kelly twieldet fl-24 ta' Dicembru 1998 jirrizulta car li l-istess konvenut qatt ma jista' jkun missier l-imsemmija minuri, u dan minhabba l-impossibilta' fizika kif fuq definita anke mill-gurisprudenza nostrali.

Illi apparti dan hemm id-dikjarazzjoni ta' omm l-istess minuri, l-attrici odjerna, fejn hija tirrakkonta kif l-istess minuri twieldet wara relazzjoni ntima qasira ma' Algerin li nkredibilment lanqas biss taf x'jismu, w allura m'hemmx dubju li sfortunatament dan il-wild huwa frott ta' relazzjoni

tal-attrici ma' missier mhux maghruf u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, u tichad ukoll l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn l-istess ma jaqblux ma' dak hawn dikjarat f'din is-sentenza, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-ragel tal-attrici, l-assenti Abdelmounaim Jabal, m'huwiex il-missier naturali tal-imsemmija tarbija u li l-istess tarbija hija l-wild ta' missier mhux maghruf.

2. Tordna li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tat-tarbija li jgib in-numru progressiv ta' 64 tal-1999 billi fil-kolonna intestata "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier", l-isem tar-ragel tal-attrici, "Abdelmounaim Jabal", u l-post tat-twelid tieghu u cioe` "Casablanca, Morocco" jigu sopressi u kkancellati u minflok tigi inserita dikjarazzjoni fis-sens li l-imsemmija tarbija hija l-wild ta' missier mhux maghruf, u wkoll illi fil-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet tal-omm il-kliem "*the said*" jigu kancellati.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16**.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici Tania Jabal *stante* li ma jidhirx li l-konvenuti l-ohra huma b'xi mod imputabbli ghall-korrezzjonijiet hawn ordnati.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------